31998R0395

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSIJONI 395/98
tad-19 ta' Frar 1998
li jemenda Regolament (KEE) Nru 2807/83 li jistabbilixxi regoli dettaljati sabiex jiġi rreġistrat it-tagħrif dwar il-qabdiet tal-ħut ta' l-Istati Membri

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika komuni tas-sajd komuni [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2635/97 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 19e(5) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 779/97 [3] jintroduċi arranġamenti għall-maniġġjar ta' l-isforz tas-sajd fil-Baħar Baltiku b'effett mill-1 ta' Jannar 1998;

Billi r-Regolament (KE) Nru 2635/97 emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2847/93 sabiex jassigura l-konformità ma' l-arranġamenti għall-maniġġjar ta' l-isforz tas-sajd fil-Baħar Baltiku;

Billi l-emendi għandhom x'jaqsmu, fost ħwejjeġ oħra, mad-dispożizzjonijiet sabiex jiġi rreġistrat it-tagħrif dwar l-isforz tas-sajd fil-ġurnal ta' abbord;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2807/83 [4], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2945/95 [5], jistabbilixxi r-regoli sabiex jiġi rreġistrat it-tagħrif dwar il-qabdiet tal-ħut ta' l-Istati Membri;

Billi skond l-Artikolu 19e(5) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 għandhom jiġu stabiliti regoli ddettaljati sabiex jiġi rreġistrat it-tagħrif dwar l-isforz tas-sajd fil-ġurnal ta' abbord sabiex jiġu implimentati l-arranġamenti għall-maniġġja0r ta' l-isforz tas-sajd riferit fir-Regolament (KE) Nru 779/97;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2807/83 għandu jiġi emendat kif xieraq;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kummitat Maniġerjali tas-Sajd u l-Akwakultura,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 2807/83 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 1a(1) dan li ġej jiġi miżjud wara "ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 685/95": "u fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 779/97 (*)

   (*) ĠU L 113, tat-30.4.1997, p. 1.",

2. fl-Anness VIa:

   — fil-kolonna "Grupp ta' speċje fil-mira", jiġi miżjud dan li ġej:

"*ANADROMU U ILMA HELU*	Salamun, troti tal-baħar u ħut ta' l-ilma helu";

   — fil-kolonna "Żoni ta' l-isforz", jiġi miżjud dan li ġej:

   "T: l-erji IBSFC (is-subdiviżjonijiet 22 sa 32)

   U: Unità Maniġerjali 3(*)

   (*) Li tikkomprendi s-subdiviżjonijiet 29, 30 u 31 fit-tramuntana tal-latitudni 59°30' T."

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara li jiġi ppublikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Lulju 1998.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Frar 1998.

Għall-Kummissjoni

Emma BONINO

Membru tal-Kummissjoni

(1) ĠU L 261, tal-20.10.1993, p. 1.
(2) ĠU L 356, tal-31.12.1997, p. 14.
(3) ĠU L 113, tat-30.4.1997, p. 1.
(4) ĠU L 276, tal-10.10.1983, p. 1.
(5) ĠU L 308, tal-21.12.1995, p. 18.